10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 9**

**21 ta' Ottubru 2024**

Il-laqgħa numru 9 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-21 ta' Ottubru 2024 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Joe Vella

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġija**

F'din il-laqgħa kien hemm żewġt ittri tal-apoloġija fejn is-Sur Sultana kien ma jiflaħx u s-Sur Grech kellu l-ommu l-isptar.

## 2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:

### 2.1 Korrezzjonijiet laqgħa 7:

F'Punt 2 – il-Kameras kellhom jiġu installati fi Triq Karini ma Triq il-Kukkanja

Fejn tissemma l-Ġimgħa Santa Venera – trid tinkiteb nar, u mhux nhar

### 2.2 Punti mqajma mill-minuti

- Is-Sindku saqsa lis-Sur Karl Carabott sabiex jikteb paragrafu tekniku sabiex dan jinkiteb fl-ittra ta' informazzjoni lir-residenti għaliex is-siġar fil-perimetru tal-iskola kellhom jinqalgħu.

- Triq Kappillan Mifsud ser issir fuq l-iskema tal MTIP

- Għeluq u ftuħ ta' Ġonna – Is-sindku għaraf li l-membri tal-banda ma xtaqux ikomplu bl-għeluq u l-ftuħ tal-ġonna u għalhekk kien hemm il-bżonn li toħroġ sejħa ta' interess. Minn dan il-punt issemma l-fatt li fil-bandli tal-Palazz l-aħmar qed ikun hemm il-klieb allura kien hemm bżonn li jinħasel it-turf. Is-Sindku informa ukoll li ser titwaħħal tabella NO DOGS.

- Fuq il-Bandli tal-palazz l-aħmar is-Sindku saqsa lis-segretarju sabiex tispjega is-sitwazzjoni mal-MCCA. Is-Segretarju spjegat li l-MCCA ġew ikkuntattjati bil-pjanti li bagħtu l-kumpanija li għamlet ix-xogħol u biċ-ċertifikazzjonijiet kollha, imma huma jistgħu biss jikkonfermaw meta jsir ix-xogħol. Għaldaqstant kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-kumpanija li għamlet ix-xogħol sabiex jiġi rranġat il-bandli skont il-pjan u l-kriterji li bagħatu l-MCCA.

- Attività Għana – kien hemm deċiżjoni li peress li l-previżjoni tat-temp kien imbassar temp ħażin għal weekend kollu ġie deċiż li l-attività tiġi posposta għal darb'oħra. L-għaqda tan-nar ma qablitx peress li hi kienet diġà armat ġurnata qabel, anke hekk il-kunsill kien bagħat email li tgħid li se ttieħed deċiżjoni hekk l-attività isirx dak in-nhar filgħodu. L-għaqda baqgħet isostni li l-attività kellha ssir, u li ma kienx hemm konsultazzjoni magħha biżżejjed. Għaldaqstant din l-għaqda kienet qed titlob li titħallas tal-ispejjeż kollha. Silvio, Roberta, Joe, u Karl qablu li jsir capping ta' kemm tingħata għajnuna lil għaqdiet. Silvio irrimarka li l-attività kellha titħassar qabel il-Ħamis. Is-Sindku u Karl irrimarkaw li seta' kien hemm aktar konsultazzjoni. Is-Sindku kompla jgħid li bħala konsultazzjoni qed issir ħafna speċjalment fuq ilmenti.

  Is-sindku stieden lil-membri tal-Għaqda tan-nar sabiex jidħlu fil-laqgħa sabiex jgħidu l-opinjoni tagħhom. Hu beda billi irringrazzjhom talli ġew u qal li hu kien ta' sintesi żgħira lil kunsilliera imma kien

se jħalli f'idejhom sabiex jitkellmu. Wieħed mir-rappreżentanti qal li l-għaqda xtaqet tagħmel il-poster hi imma Sindku ried li jagħmlu hu, u spiċċa kellu jmur Żejt iz-Zejtun fl-aħħar ħin u bl-iżbalji fuq il-poster. Is-Sindku wieġeb li minħabba l-branding tal-Kunsill l-poster joħorġu b'direzzjoni waħda. L-attività ġiet ukoll mħallsa fuq Facebook.

Huma qalu li għandu jkun hemm irġulija mill-għaqdiet u dawn ma jidħlux fuq xulxin. Is-Sindku spjega li kull għaqda jkollha esklussivita fuq ħaġa waħda f'kull attivita' li torganizza hi imma dan ma jfissirx li l-għaqdiet l-oħra ma jistgħux ikunu pparteċipa. Dan sabiex ikun hemm armonija. L-għaqda tan-nar spjegat li ħadu deċiżjoni li mhux ħa jieħdu sehem fil-Halloween għax ma jridux jirfsu kallijiet ta' ħadd. Is-Sindku spjega li hekk il-Kunsill ikun qed jgħin fl-attività għandom ikunu parteċipi l-għaqdiet kollha, b'dik li tkun qed torganizza jkollha esklussivita fuq oġġett wieħed.

Kien hemm qbil li l-ispejjeż ser jitħallsu mill-kunsill. Is-Sindku qal li il-Kunsill dejjem miftuħ għal kommunikazzjoni mal-għaqdiet u jiskuża ruħu hekk kien hemm xi nuqqasijiet. Hu il-kunsill lest li jkompli jaħdem mal-għaqdiet kollha bħal qabel.

Is-sindku saqsa hekk l-għaqda tan-nar hux ser tieħu sehem fil:

1. Tournament tal-boċċi
   a. L-għaqda tan-nar għada trid tara x'deċiżjoni ser ikun hemm
2. Halloween
   a. F'din l-għaqda tan-nar mhux ħa tieħu sehem
3. 14 ta' Novembru 2024
   a. L-Għaqda tan-nar għada trid tieħu deċiżjoni fuq dan.

L-membri tal-Għaqda tan-nar ħarġu mil-laqgħa, u Joe Vella issuġġerixxa li meta jsiru laqgħat mal-għaqdiet jibda jiġi mistieden il-kunsillier ta' dak id-dekasteru.

**3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash**

L-Iskeda tal-pagamenti ġiet approvata u ma' din l-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata ukoll invoice mingħand Callus Ltd sabiex l-uffiċju amministrattiv ikun jista' japplika għal rifużjoni mill-iskema SPI/SCI/03/24. Karl Carbott talab sospensjoni tal-laqgħa għal ftit minuti. Din ġiet approvata mill-membri.

Il-Laqgħa tkompliet bl-iskeda tal-pagamenti tiġi iffirmata mis-Sur Silvio Vella u Sur-Karl Carabott.

**4. Komunikazzjoni mis-Sindku u korrispondenza oħra**

- Roberta Carabott saqsiet lis-sindku hemm jistgħux isiru bollards bħala central strip għal dawk li ġejjin minn Triq il-Kanun sabiex ma jdurux one-way. Is-Sindku qal li ħa jkellem il-contracts manager fuqha. Is-Sa Carabott saqsiet ukoll hekk fi Triq il-Palazz l-Aħmar fil-fetħa tistax issir Roundabout. Is-Sindku wieġeb li ser ikellem lil contracts manager sabiex jimmarka mal-art u tittieħed deċiżjoni.
  Fuq dan kien hemm qbil.

- Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva korrispondenza mingħand it-TCTC għal korsijiet tal-kompjuter. Dawn jinkludu ICDL MQF 3, 7 lezzjonijiet għal Euro 295 kull persuna, u ICDL MQF 4, Euro 375 kull persuna, filwaqt li MQF5 Euro 250 kull persuna. Is-Sindku spjega li is-Sur Noel Cachia xtaq joffri korsijiet tal-Malti u bħala post ser ikun hemm komunikazzjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ sabiex ituna l-post.

Kien hemm qbil li għalissa jibdew bil-kors tal-Malti.

- Is-Sindku informa li xtaq li jsiru post cards tal-Milied bit-tema ta' Santa Venera sabiex jitqassmu lil kull dar b'xewqat mingħand il-Kunsill Lokali. 'Il-Festi tajba mill-Kunsill Lokali Santa Venera'.

Fuq dan kien hemm qbil

- Is-Sindku informa li xtaq li jsir il-party tal-milied tat-tfal. Bħala post jista' jsir House of Flavours, l-iscouts jew St Elais. Għalhekk ser inkunu qed nitkellmu mal-iscouts sabiex naraw kif dan jista' jsir.

Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha

- Joe Vella xtaq li jitkellem fuq l-Ikla tal-Milied tal-istaff u kunsilliera imma sindku propona li dan kellu jsir fil-laqgħa li ġejja.

**4. Pjan ta' Ħidma**

Is-Sindku qal li wara l-email li ntbagħtu, ngabru l-pjan ta' ħidma ta' ħafna mill-kunsilliera u li segretarju kienet ser taqqadhom kollha f'daqqa u toħloq sintesi li ser tiġi preżentata nhar it-8 ta' Novembru 24

**5. Approvazzjoni għal deputat segretarju eżekuttiv**

Is-Sindku spjega li sabiex inkunu konformi mal-liġi peress li issa ġiet maħtur segretarju eżekuttiv il-Kunsill għandu bżonn ukoll deputat segretarju eżekuttiv. Għalhekk kien qed jipproponi lis-Sa Naomi Baldacchino.
Din in-nominazzjoni ġiet approvata unanimament.

**6. Mozzjoni**

Is-Sindku spjega li fil-laqgħa Numru 7 tal-Kunsill lokali ta' Santa Venera, il-Kunsill kien approva sejħa mid-DLG sabiex jintbagħatu ħaddiema tal-id sabiex jagħmlu xogħlijiet minuri f'binjiet pubbliċi. Dak in-nhar il-kunsill kien iddeċieda li jsir manutenzjoni fil-binja tal-kunsill.

Is-Sindku qed jipproponi li sabiex il-Kunsill itaffu ftit mill-ispiża li dawn il-ħaddiema tal-id jagħmlu xogħol ta' tkissir, tikħil, kif ukoll ilma u dawl, fil-latrina pubblika ta' Triq San Ġużepp sabiex b'hekk inkunu nistgħu nibdew ix-xogħlijiet neċessarji kif ippropona l-perit.

L-Kunsill qabel sakemm ma jkunx hemm xogħlijiet doppji. Għaldaqstant għandu jsir ftehim mal-perit sabiex tinbidel il-BOQ u xogħol tat-tkissir u xi xogħol ħafif ieħor isir minn dawn il-ħaddiema.

**7. Kunsill tat-Tfal**

Is-Sindku spjega li wara li Darren Grech kellu laqgħat mar-RIGHTS, Santa Venera ser ikollu Kunsill Lokali tat-tfal. Darren Grech spjega li dan il-kunsill jiltaqa' laqgħa darba fix-xahar u jiddiskuti suġġetti differenti. Dawn id-diskussjonijiet jittellgħu fil-laqgħa tal-kunsill tal-kbar għal aktar konsiderazzjoni. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha

**8. Bandli Palazz l-aħmar**

Dan l-punt kien diġa diskuss waqt l-komunikazzjoni mis-sindku

**9. Sejħa għal assistent prinċipal**

Is-Sindku spjega li qed jinħass il-bżonn ta' Assistent prinċipal skala 11 sabiex ikun ta' pont bejn l-uffiċju, l-ħaddiema ta' barra u l-contracts maniger. L-ilmenti żdiedu, l-popolazzjoni żdiedet u anke xogħol fil-lokalita. Dan il-punt ġie approvat mill-kunsilliera kollha.

Is-Sindku sejjaħ lis-Sa Roberta Sultana sabiex tispjega dettalji għal isports day li qed tiġi organizzata. Roberta infurmat lil-kunsill li l-isports day ser issir nhar id-9 ta' Novembru bħala parti minn ġimgħa Santa Venera. Din ser issir fil-ground ta' Santa Venera Lightnings u ser ikun hemm:

- Tug of war
- Potato Race

- Sack Race
- 3 legged race
- Relay
- Bowling
- Pole and circle

Roberta kellmet ukoll lil xi kumpaniji li offrew inflatable darts għal prezz ta' Euro 224 + VAT u attendant għal Euro 60 għal 4 sigħat. Offrew ukoll OCR inflatable għal prezz ta Euro 265 + VAT u attendant għal Euro 60 għal 4 sigħat. Roberta kellmet ukoll lil xi ħadd li seta jagħmel Zumba għal kbar għal Euro 150 inkluż il-VAT. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha. Bħala token flok medalja ġie issuġġeriet li jsiru pockets bl-arma tal-kunsill. Kulħadd qabel ma dan.

**10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Tmiem tal-laqgħa kien għal ħabta tat-2000 ta' filgħaxija, fejn sar ftehim li laqgħa li jmiss issir fit-18 ta' Novembru fil-17.00

Iffirmat
Gianluca Falzon
Sindku

Iffirmat
Tiffany Abela
Segretarju Eżekuttiv